**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 13 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 15**

**Avviz Nru: 458/01 AE**

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Company, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Charles Camilleri u l-istess Charles Camilleri**

**vs**

**Raymond Tong.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u hames liri Maltin u tmienja u disghajn centezmu (Lm205.98), danni pagabbli lis-socjeta attrici fir-rigward ta' incident tat-traffiku li sehh gewwa Triq Mdina, Zebbug fil-5 ta' Mejju

1999 bejn il-vettura misjuqa minn Doris Camilleri u t-trukk numru HAP 749 misjuq mill-konvenut, liema incident sehh minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naha tal-konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident tat-traffiku.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Din il-kawza titratta incident tat-traffiku li sehh fil-5 ta' Mejju 1999 gewwa Triq Mdina, Zebbug.

2. Fl-incident kienu nvoluti Opel Corsa bin-numru BAO 016 misjuqa minn Doris Camilleri (mart l-attur) u trukk bin-numru HAP 749 misjuq mill-konvenut.

3. Iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug.

4. Kemm il-konvenut u s-sewwieqa ta' l-Opel Corsa  qablu li t-trukk kien qieghed fil-karreggjata ta' gewwa filwaqt li Opel Corsa kienet tinsab fil-karreggjata ta' barra.

5. L-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz m'ghamilx skizz. Dan peress li s-sewwieqa nvoluti fl-incident nehhew il-vetturi taghhom mill-post fejn sehh l-incident. Mehud in konsiderazzjoni n-natura tal-hsara li saret fuq il-vettura Opel Corsa, ma jirrizultax li s-sewwieqa kienu ghaddejjin b'velocita qawwija.

6. Mir-rapport li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz jidher li l-habta grat fl-ahhar parti tas-*centre strip* (fol. 20), proprju qabel ma taqbad ir-*roundabout*.

7. Il-verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa ma jaqblux. Doris Camilleri (is-sewwieq ta' l-Opel Corsa) xehdet li kien it-trukk li gibed ghal fuqha meta pprova jaqbez vettura li kienet ipparkjata fil-karreggjata minn fejn kien ghaddej it-trukk. Min-naha tieghu l-konvenut xehed: *"**Il-vettura qabzitni kienet tinstaq quddiemi**. Irrid nghid ill-f'daqqa wahda giet vettura min-naha ta' Haz-Zebbug sejra fid-direzzjoni tar-Rabat. Il-vettura l-bajda, meta rat hekk, kisret fuq ix-xellug u giet proprju quddiemi u qabditli l-bumper tat-truck"* (seduta tat-30 ta' Ottubru 2001). Fil-verzjoni li ta lill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (fol 19) nsibu: *"kont ghaddej u mill-mera rajtha l-boghod u f'daqqa wahda rajtha quddiemi, giet mas-centre strip **u bezghet mill-kantuniera**, u tefghet fuqi"*. Mela, filwaqt li dakinhar ta' l-incident qal li s-sewwieq tal-Opel Corsa bezghet mill-kantuniera, fil-kors tax-xhieda li ta quddiem it-Tribunal ma ghamel ebda riferenza ghal dan il-fattur.

8. Mill-provi rrizulta li l-hsara fuq l-Opel Corsa saret fuq iz-zewg bibien u l-mudguard ta' wara (in-naha tal-passiggier).

9. Fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni moghtija mill-konvenut m'hijiex verosimili. Dan qieghed jinghad peress li jekk kif qieghed ighid hu l-Opel Corsa kienet qeghda tinstaq quddiem t-trukk u kisret ghal fuqu, il-hsara ma kenitx tibda mill-bieba ta' quddiem ta' l-Opel Corsa. Inoltre, ma rrizultax li saret xi hsara fuq il-parti ta' wara tal-vettura Opel Corsa.

10. Il-quantum tad-danni li qieghed jintalab il-hlas tieghu ma giex kontestat. Mill-provi rrizulta li l-attur Charles Camilleri hallas is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) bhala excess lis-socjeta attrici (xhieda ta' David Debono moghtija fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2001).

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba ta' l-atturi u jiddikjara li l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh gewwa Triq Mdina, Zebbug fil-5 ta' Mejju 1999, u konsegwentement jikkundannah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tmenin lira Maltija u tmienja u disghajn centezmu (Lm180.98) spejjez inkorsi sabiex isiru t-tiswijiet fil-vettura Opel Corsa bin-numru BAO 016 u s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) lill-attur Charles Camilleri.

Bl-ispejjez (ghat-tenur ta’ l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**